MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 100/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Louise Calleja)
Vs**

**George Bondin**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Settembru, 2003 ghall-habta tal-12.00 ta' wara nofs in-nhar u fix-xhur precedenti, gol-Hamrun jew/u f'xi bnadijiet ohra f'Malta, f'hinijiet differenti, b'diversi atti wkoll jekk maghmulina fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;**

**1) Ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, jew b'xi mod ghin jew hajjar f'daqshekk bi ksur**

**tal-Artikolu 12 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (1932) Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) Ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi bi ksur tal-Artikolu 13 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (1932) Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**3) Bejgh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan bi ksur tal-Artikolu 14 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (1932), Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**4) Opera, promova, bejgh jew ippartecipa fi, jew b'xi mod li jkun, ghin jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 t'April, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 12, 13 u 14 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (1932) Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u ordnat il-konfiska tal-flus u l-oggetti kollha esebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 t'April, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija, tirrevoka l-piena nflitta w minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Semghet it-trattazzjoni fis-seduta tal-lum;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-aggravju tal-Avukat Generali hu limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti naqset li tapplika l-piena skond il-ligi, ghaliex skond l-artikolu 12 tal-Kap.70 il-piena minima**

hija elfejn lira u skond l-artikolu 13 il-piena minima hija elf lira u skond l-artikolu 14 il-piena minima hija hamsin lira u kien ghalhekk ovvju li l-multa ta' mitejn lira kienet ferm inqas mill-piena minima preskritta u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha taghti piena ferm aktar severa.

Illi fil-fatt l-appellat, fuq ammissjoni, nstab hati ta' erba reati li skond il-komparixxi w s-sentenza appellata kollha jaqghu taht il-Kap.70 tal-ligijiet ta' Malta . Illi d-dispozizzjoni transitorja li biha dan il-Kapitolu kellu jigi imhassar u cioe' l-artikolu 80 (3) (a) tal-Att XXIV, 2001 ghadha ma gietx fis-sehh u ghalhekk il-Kap.70 ghadu in vigore .

Issa skond l-artikolu 12 tal-Kap.70 li jittratta r-reat ta' lottu klandestin kopert bl-ewwel imputazzjoni ammessa mill-appellat , hemm mahsuba piena mandatorja karcerarja li tvarja minn minimu ta' sitt xhur sa massimu ta' tnax il-xahar prigunerija oltre l-piena pekunjarja li tvarja minn dik minima ta' elfejn lira Maltin sa dik massima ta' LM20,000.

Illi umbaghad skond l-artikolu 13 tal-Kap.70 li jittratta r-reat ta' min jaghmilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta ma jkunx hekk awtorizzat kopert bit-tieni imputazzjoni ammessa mill-appellat jipprovdi ghall-piena minima pekunjarja ta' elf lira u piena massima ta' hamest elef lira u/jew piena karcerarja li tvarja minn sitt xhur sa tnax il-xahar prigunerija.

It-tielet imputazzjoni dwar biegh jew li dak li jkun joffri ghall-biegh biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux licenzjati hija koperta bl-artikolu 14 tal-Kap.70 u dan jipprovdi ghall-piena minima pekunjarja ta' hamsin lira u wahda massima ta' mitejn lira.

Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun meta jissottometti li l-piena erogata kienet inqas minn dik li tipprovdi il-ligi u dan ghaliex – apparti li l-artikolu jipprovdi ghall-piena karcerarja mandatorja ta' mill-inqas sitt xhur prigunerija , anki bl-applikazzjoni tal-

**artikolu 17 (f) tal-Kap.9 dwar konkors tar-reati w pieni, l-piena pekunjarja minima possibbli kienet dik ta' l-oghola multa – f' dal-kaz elfejn lira (LM2000) b' zieda ta' nofs kull wahda mill-multi l-ohra u cioe' nofs elf lira = LM500 u nofs LM50 = Lm25, b'dan li l-inqas piena pekunjarja possibbli kienet tkun ta' elfejn hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM2525).**

**Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma semmietx li kienet qed taghti piena inqas mill-minimu ghal xi ragunijiet specjali jew straordinarji , kif setghet taghmel skond l-artikolu 21 tal-Kap.9 u ghalhekk ma jidher li kien hemm ebda raguni ghala ma nghatatx il-piena applikabbli skond il-ligi .**

**Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u wara li rat l-artikoli 12,13 u 14 tal-Kap.70 u l-artikoli 11 (1), 14 (2) u 17 (f)(h) u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta , qed tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha ghar-rigward tas-sejbien ta' htija fuq l-imputazzjonijiet kollha kif ammessi mill-appellat, b'dan li tiddikjara li r-raba imputazzjoni hija assorbita fit-tlieta l-ohra a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kap.9, u in kwantu ordnat ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin u minnflok tikkundannah ghall-sitt xhur prigunerija b'dana li dis-sentenza m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk fil-periodu ta' erba snin mil-lum l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija , kif ukoll ghall-multa minima fic-cirkostanzi ta' elfejn , hames mija u hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM2525) li ghandhom jithallsu f' rati mensili ta' mhux inqas minn sebghin lira Maltin u erbatax il-centezmu (LM70.14c) pagabbli fir-Registru ta' din il-Qorti fl-ewwel jum ta' kull xahar , l-ewwel hlas fl-ewwel ta' Gunju, 2004, u b' dana li jekk l-appellat jonqos li jhallas puntwalment xi wahda mir-rati jew parti minnha , l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufieh u jekk ma jithallasx jigi awtomatikament konvertit f' terminu ta' prigunerija**

**skond il-ligi , bir-rata ta’ gurnata ghal kull hames liri Maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------